

# IL-FORTI SANT'ANĠLU TAĦT IL-FLOTTA RJALI INGLIŻA

Illum nagħlqu din is-sensiela ta' erba' intervisti li saru lil Matthew Balzan, li hu l-Kuratur Prinċipali tal-Fortifikazzjonijiet ta' Heritage Malta. Miegħu sirna nafu d-diversi aspetti li jirrigwardaw u għadda minnhom il-Forti Sant'Anġlu, fil-Birgu; kif inbeda fi żmien il-Medju Evu, kif issaħħaħ fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann; kif komplew jiżviluppawh il-Forzi Armati Ingliżi, sa ma wasal biex qajla seta' jkompli joffri s-servizz sħiħ tiegħu fil-gwerer moderni. Madankollu, din il-fortifikazzjoni hi waħda mill-isbaħ li jgawdi pajjiżna u tinsab f'żamma mill-aqwa minn Heritage Malta. Fiha hemm it-tagħrif kollu, inklużi filmati tal-iżvilupp tagħha tul iż-żminijiet u l-epoki li semmejna. Lil min qatt ma żar din il-forti, li kienet l-aħħar post fejn il-Forzi Militari Ingliżi f'Malta, nissuġġerilu li jżurha.

Minn **CHARLES B. SPITERI**

**Matthew, nafu kif għedna, li l-Armata Ingliża bdiet tnaqqas l-importanza tal-Forti Sant'Anġlu. Minn meta sar dan u x'kambjament rajna?**

L-Armata Ingliża bdiet tnaqqas l-importanza tal-Forti Sant'Anġlu mal-qalba tas-seklu 20, iżda min-naħa l-oħra, il-Flotta Rjali bdiet dejjem iżżid il-preżenza tagħha f'Malta. Il-bastiment HMS Hibernia, li kien ilu ankrat taħt il-forti mill-1855 u li kien iservi bħala depot ship, kien qdiem wisq. Fl-1902, dan inbidel ma' HMS Egmont.

Fl-istess sena, il-Flotta Rjali talbet li tibda tuża l-Forti Sant'Anġlu għall-akkomodazzjoni tal-membri tagħha. Dan seħħ fl-1906 u minn hemm, bdew 73 sena li matulhom, il-Forti Sant'Anġlu mhux biss bidel ismu għal darba tnejn u sar ikona tal-Ammiraljat f'Malta iżda wkoll il-post tax-xogħol għal eluf ta' baħrin Maltin. Din ir-rabta kellha tintemm eżattament ma' tmiem il-preżenza tal-Forzi Militari Ingliżi f'Malta, fil-31 ta' Marzu 1979.

**Jiġifieri nistgħu ngħidu li l-preżenza tal-Flotta Rjali fil-Forti Sant' Anġlu bdiet fl-1906?**

Le, din il-preżenza tal-Flotta Rjali bdiet qabel. Fil-fatt, l-ewwel użu ta' partijiet mill-forti mill-Ammiraljat beda fl-1902 meta nbena impjant tal-iddistillar tal-ilma fil-batterija t'isfel li kienet inbniet fl-1690. Dan l-impjant kien ibiddel l-ilma baħar f'ilma ħelu biex jintuża mill-bastimenti tal-Flotta Rjali.

Naqra naqra, l-Ammiraljat beda dejjem jieħu iktar partijiet, sakemm fit-8 ta' Diċembru 1906 sar it-trasferiment uffiċjali tal-Forti Sant'Anġlu mill-Armata Ingliża għall-Ammiraljat. Dan wassal għal diversi xnigħat, tant li fil-Kunsill tal-Gvern fl-1908 kien qam dibattitu sħiħ dwar jekk kienx hemm il-ħsieb li l-forti jiġi mwaqqa' u minfloku jinbena kumpless ġdid għall-Flotta Rjali.

**Mela sa dak iż-żmien, għal xiex nistgħu ngħidu li kien l-użu ta' dan il-forti?**

L-użu prinċipali tal-fortizza f'dan iż-żmien kien bħala akkomodazzjoni għal dawk il-membri tal-Flotta Rjali li jkunu stazzjonati Malta jew inkella li jkollhom il-bastiment tagħhom fit-Tarzna. It-terminu navali għal postijiet ta' dan it-tip kien ta' shore establishment, jiġifieri post fuq l-art użat mill-Ammiraljat, li għalkemm kien mibni, xorta waħda kien jitmexxa daqslikieku kien bastiment navali.

Apparti minn hekk, peress li l-forti kien jagħmel parti mill-Victualling Yard li kienet tokkupa kważi x-xatt kollu tal-Birgu, beda jintuża wkoll għall-ħażna u l-amministrazzjoni ta' manutenzjoni navali ħafifa. Matul l-ewwel 15-il sena ta' okkupazzjoni mill-Ammiraljat, il-Forti Sant'Anġlu saru diversi tibdiliet.

**Ngħid sew li l-palazz tal-forti beda jintuża bħala d-Dar tal-Kaptan?**

Iva, hekk sar, filwaqt li l-kwartieri tas-suldati ġew mibdula f'dormitorji għall-baħrin u l-batterija msaqqfa li nbniet fl-1872 ġiet imkabbra bħala l-wardroom tal-fizzjali.

Sal-1912 inbena l-moll li għadu jinsab taħt il-fortizza u fuqu bdew jinbnew diversi uffiċini, imħażen u ħwienet tax-xogħol li kienu jservu lill-Flotta. Sal-istess sena kien twaħħal arblu navali u wkoll żewġ arbli tal-komunikazzjoni twal mal-200 pied, fejn fil-fortizza kien hemm skola tal-wireless li kien jintuża għall-komunikazzjoni mal-bastimenti tal-Flotta Rjali. Fl-1920, inbniet kamra tar-rikreazzjoni, li kienet tinkludi wkoll ċinema għall-użu tal-baħrin fil-forti.

**Jirriżulta li għal xi żmien il-Forti Sant'Anġlu nbidillu ismu. X'kienet ir-raġuni għal dan?**

Matul dawn l-ewwel snin, il-bastiment HMS Egmont kien għadu marbut ħdejn il-fortizza u kien jintuża wkoll bħala akkomodazzjoni. Għalhekk, fl-1912 l-Ammiraljat iddeċieda li dan l-isem kellu jkopri wkoll il-fortizza u meta fl-1914 il-bastiment ġie mneħħi, l-isem HMS Egmont baqa' jgħodd għall-fortizza biss.

Dan wassal għal xi tgergir hekk kif lokalment, ħafna ma setgħux jifhmu x'rabta seta'

jkollu dan l-isem ma' fortizza li kienet ilha magħrufa b'isem ieħor għal mijiet ta' snin.

L-Ingliżi użaw dan il-fattur favur tagħhom meta fl-1933 iddeċidew li jibdlu l-isem tal-fortizza għal darb'oħra. Kien fl-1933, li wara li ġie approvat mir-Re Ġorġ V, l-isem sar HMS St Angelo, isem li qatt ma kien intuża qabel fil-Flotta Rjali. Dan sar peress li f'dan iż-żmien, il-qawmien tan-Nażiżmu u l-Faxxiżmu fl-Ewropa wasslu biex l-Ingliżi jagħmlu dak kollu li jistgħu biex inaqqsu dawn l-influwenzi minn Malta. B'hekk, il-fatt li reġgħu taw lura l-isem oriġinali tal-fortizza, kien interpretat bħala mezz biex juru li kellhom għal qalbhom lill-Maltin u l-istorja tagħhom.

Apparti minn dan, biex din ir-rabta tidher iktar, saret arma ġdida għall-fortizza li kienet ibbażata fuq l-istemma tal-Gran Mastru de Valette u l-motto sar 'NON AES SED FIDES', meħud minn munita użata waqt il-bini tal-Belt Valletta fl-1566 u li tfisser 'MHUX FLUS IŻDA FIDUĊJA'.

**X'kien is-sehem tal-Forti Sant'Anġlu matul it-Tieni Gwerra Dinjija?**

Matul din il-gwerra, il-Forti Sant'Anġlu baqa' jintuża mill-Ammiraljat, u qabel ma beda jiġi żviluppat il-kumpless ta' Lascaris, fil-forti kien hemm il-kwartieri tal-Viċi Ammirall ta' Malta. Minbarra dan, il-forti kien jintuża wkoll bħala post fejn kienu jiġu iddeċifrati messaġġi Ġermaniżi mibgħuta bil-magna Enigma.

Interessanti l-fatt li matul dan iż-żmien, is-sotterranji tal-fortizza ġew imkabbra estensivament, tant li jkopru tul ta' madwar kilometru u nofs. Maż-żmien, il-ħafna passaġġi li hemm taħt l-art issemmew għal diversi toroq famużi f'Londra.

Għalkemm il-fortizza ma kinitx intiża li tintuża għad-difiża tal-Port il-Kbir, minħabba l-pożizzjoni tagħha viċin il-miri ewlenin tal-għadu, ġiet armata bi tliet kanuni Bofors ta' kontra l-ajruplani. Dawn il-kanuni rnexxielhom iwaqqgħu tliet ajruplani u jolqtu 47 oħra.

**Jiġifieri sehem il-Forti sewa qatigħ, la waqqa' dawn l-ajruplani kollha, mhux hekk?**

Dażgur, iżda rridu ngħidu li l-fortizza ġiet milquta direttament minn 69 bomba tal-għadu. Dawn ikkawżaw diversi ħsarat, fosthom fuq il-kappella tan-Nativitá tal-Madonna; is-swar li jdawru l-fortizza u d-daħla prinċipali u saħansitra wieħed mill-kwartieri tas-suldati mibni minn Mederico Blondel fl-1693. Din id-daħla nqerdet għalkollox.

Episodju traġiku ieħor kien seħħ proprju fl-ewwel jum tal-gwerra meta fil-11 ta' Ġunju 1940, tliet lanċ ta' HMS St Angelo intbagħtu jissorveljaw bastiment Taljan barra l-port. Huma u ġejjin lura, bi żball, ġew identifikati bħala bastimenti tal-għadu u l-fortizzi talport fetħu attakk kontrihom, li wassal għall-mewt ta' sitt persuni.

**It-tigrif li ġarrab il-forti, ġie rranġat appena spiċċat il-gwerra?**

Wara l-Gwerra, il-Forti Sant'Anġlu beda minnufih jiġi rranġat mill-ħsarat li ġarrab. Kważi l-bini kollu ta' fuq il-moll kellu reġa' nbena mill-ġdid u fejn kien magħruf bħala Lower Fort, kien hemm il-kwartieri tal-baħrin Maltin fil-Flotta Rjali. B'hekk, il-Forti Sant'Anġlu kellu wkoll is-sehem ta' base ship tal-Local Enlisted Personnel tal-Flotta Rjali. Minflok il-kwartieri tas-suldati ta' Blondel, li waqgħu, inbnew żewġ blokok ġodda li ntużaw bħala mess u sala tal-ikel għall-baħrin. Dawn il-binjiet huma partikulari minħabba s-sistema ta' kostruzzjoni tagħhom, li tinkludi diversi travi tal-ħadid li jibqgħu neżlin sal-art. Użu ieħor li kien qabad sew wara l-gwerra kien dak tas-saluti, hekk kif il-fortizza kellha ħames kanuni tas-salut fuq il-kavallier li kienu jintużaw biex isellmu bastimenti tal-Flotta huma u deħlin jew ħerġin.

Saluti oħrajn kienu jingħataw minn ħdejn l-arblu navali li miegħu kienet tittajjar il-bandiera tal-Flotta Rjali, filwaqt li forom oħra apposta kienu jintużaw għall-manuvrar tal-bastimenti u għar-rapport tat-temp.

**Meta nsibu li l-Imperu Ingliż beda jnaqqas mill-importanza fl-użu ta' dan il-forti, u għaliex wasal sa hawn?**

Wara l-1956, l-Imperu Ingliż beda jnaqqas mis-saħħa tiegħu, u għalhekk beda jiġi ppjanat li ħafna mill-infiq militari fil-kolonji, fosthom Malta, kellu jonqos. Mal-aħħar tas-snin 50, l-Ammiraljat kien qed jikkunsidra li HMS St Angelo jingħalaq, jew tintuża parti żgħira biss minnu, filwaqt li kollox jingabar fil-Forti Manoel, li kienet magħrufa bħala HMS Phoenicia.

Biss, il-Gvernatur Sir Guy Grantham ma qabilx ma dan, għax qal li l-Forti Sant'Anġlu kellu rabta kbira mal-baħrin Maltin, u żgur li kien iqum xi inkwiet kieku dan il-pjan tmexxa 'l quddiem.



Għalhekk, fl-1964 kien HMS Phoenicia li ngħalaq. Dan wassal għall-aħħar investiment maġġuri f'HMS St Angelo peress li kull servizz tal-Ammiraljat li kien baqa', ġie trasferit lejn il-fortizza. Fost l-oħrajn, dan wassal biex tkabbru xi dormitorji u wkoll il-kamra tar-rikreazzjoni.

**Kemm nistgħu ngħidu li laħqet infirxet din l-attività fil-Forti Sant'Anġlu?**

Din l-attività kienet għal żmien qasir. Mill-1979 'il quddiem, l-Ingliżi bdew inaqqsu l-faċilitajiet tagħhom f'Malta b'rata mgħaġġla u filwaqt li kull aspett tal-Ammiraljat beda jiġi kkonċentrat f'HMS St Angelo, ħafna bini navali ieħor beda jingħalaq.

Fl-1972, matul in-negozjati għall-ftehim ġdid ta' difiża mar-Renju Unit, li kienu kkumplikati mhux ħażin, l-Ingliżi kienu saħansitra ser jitilqu għalkollox fi ftit jiem. Ħafna apparat tneħħa mill-fortizza, fosthom il-kanuni tas-salut u l-pulena tal-HMS Hibernia li kienet imwaħħla fid-daħla prinċipali tal-forti. Illum, din il-pulena tinsab fil-Mużew Marittimu.

Bejn l-1972 u l-1979, l-attività tal-Flotta Navali f'Malta baqgħet dejjem tonqos u għalhekk, ħafna baħrin Maltin bdew jitilfu xogħolhom. Fejn sas-snin 50 kien hemm mijiet ta' baħrin jaħdmu f'HMS St Angelo, f'Jannar tal-1979 kien hemm biss ftit iktar minn 100.

Skont il-ftehim mal-Gvern Malti, hekk kif il-ftehim ta' difiża kellu jiskadi f'nofsillejl tal-31 ta' Marzu 1979, il-Forti Sant'Anġlu kellu awtomatikament jgħaddi f'idejn il-Gvern. B'hekk, il-Forti Sant'Anġlu kien l-aħħar post li ġie vakat mill-Forzi Militari Ingliżi f'Malta wara aktar minn 180 sena fuq il-gżira.




**"L-użu prinċipali tal-fortizza f'dan iż-żmien kien bħala akkomodazzjoni għal dawk il-membri tal-Flotta Rjali li jkunu stazzjonati Malta jew inkella li jkollhom il-bastiment tagħhom fit-Tarzna. It-terminu navali għal postijiet ta' dan it-tip kien ta' shore establishment, jiġifieri post fuq l-art użat mill-Ammiraljat, li għalkemm kien mibni, xorta waħda kien jitmexxa daqslikieku kien bastiment navali**